MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 674/2004

**Mobisle Communcations Limited**

**vs**

**Glen Carabott**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u hames liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm105.32) rappresentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 8055 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn  Dicembru 2002 u Mejju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Dicembru 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm105.32), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------